MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 1020/2001/1

**Professur Kenneth Wain**

***Versus***

**Kenneth Busuttil, Desmond Zammit Marmarà, Charles F. Grech, Aleks Farrugia, Frans Darmanin u Marion Scicluna personalment kif ukoll in rappreżentanza tal-*Fondazzjoni Mikiel Anton Vassalli***

Din il-kawża hija dwar libell famuż.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attur huwa professur ta' l-edukazzjoni fl-Università ta' Malta u *ex*-dekan tal-Fakoltà ta' l-Edukazzjoni; huwa wkoll involut fil-qasam ta' *teacher education*. Kellu u għad għandu karigi importanti fil-qasam ta' l-edukazzjoni, fosthom *chairman* tal-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi, u kien ukoll l-ewwel *chairman* tal-Kummissjoni dwar il-Moralità Fiskali.

Fl-aħħar ġimgħa ta' Mejju ta' l-2001, il-*Fondazzjoni Mikiel Anton Vassalli* ħarġet stqarrija għall-istampa li biha l-kap

eżekuttiv, il-konvenut Kenneth Busuttil, u d-diretturi, il-konvenuti l-oħra, qalu hekk:
Il-Fondazzjoni Mikiel Anton Vassalli qiegħda tappoġġja u turi s-solidarjetà tagħha ma' l-Onorevoli Evarist Bartolo u fl-istess waqt tikkundanna l-aġir irresponsabbli tal-Professur Kenneth Wain.
Il-Partit Laburista dejjem emmen li l-qasam Edukattiv ghandu jitmexxa b'kunsens u allura f'dan is-sens m'għandux ikun hemm kontroversji politiċi fl-aktar pożizzjonijiet sensittivi. L-irresponsabbiltà tal-Professur Wain qiegħda tohloq kunflitt intenzjonat li qed iwassal għal hafna propoganda falza u inġusta.
Finalment, il-Fondazzjoni qiegħda takkuża lill-Professur Wain bħala bniedem li kontinwament qed jagħti l-gambetti f'dan il-qasam minflok li jikkollabora għall-aħjar interessi taċ-ċittadini tagħna. Inħossu li l-Professur Wain qed jippreferi li jindottrina u jiġbed il-ħabel propogandistiku tal-Partit Nazzjonalista dwar l-*issue* ta' l-Unjoni Ewropea minflok jagħti l-kontribut professionali tiegħu.
Din l-istqarrija, igħid l-attur, tagħti malafama u hija attakk fuq l-integrità professjonali u personali tiegħu; takkużah b'politika partiġjana u bi slealtà minħabba dawn l-interessi partiġjani; takkużah ukoll illi qiegħed jabbuża mill-pożizzjoni tiegħu fil-qasam ta' l-edukazzjoni. L-istqarrija takkużah ukoll illi qiegħed jagħmel "propaganda falza u inġusta", "jagħti l-gambetti", u "jindottrina u jiġbed il-ħabel propagandistiku tal-Partit Nazzjonalista", u li għandu motivi ulterjuri. L-implikazzjoni loġika, igħid l-attur, hija illi lilu ma tistax tafdah bl-edukazzjoni f'idejh.
Dawn l-akkużi saru minħabba l-kariga li l-attur għandu bħala membru tal-kumitat amministrattiv tal-*Moviment "Iva għall-Ewropa"*. L-akkużi saru bil-ħsieb illi jagħmlu ħsara lill-attur u jtellfulu, f'għajnejn il-pubbliku, l-i*staff* akkademiku u l-istudenti ta' l-Università ta' Malta l-indipendenza tiegħu fil-ħidma edukattiva, u jesponuh għad-disprezz tal-pubbliku. Barra milli jassoċjawh ma' politika partiġjana, l-akkużi jneħħulu l-indipendenza tal-ħsieb li hu għandu jedd li jħaddan bħala ċittadin. L-attur ikkritika kull meta ma qabilx ma' xi miżura, irrispettivament mill-politika partiġjana.
Billi jidhirlu illi għandu jedd għad-danni biex jagħmlu tajjeb għall-inġurja morali u għall-malafama, kif ukoll għall-ħsara

li saritlu professjonalment bħala edukatur, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenuti *proprio* kif ukoll il-*Fondazzjoni Mikiel Anton Vassalli* tawh malafama bl-istqarrija għall-istampa fuq imsemmija, li l-għan tagħha hu li ttellef jew li tnaqqas ir-reputazzjoni tiegħu;
2. tikkundanna lill-konvenuti personalment iħallsu lill-attur bħala l-persuna offiża somma li ma tkunx iżjed minn ħamest elef lira (Lm5,000); u
3. tikkundanna lill-fondazzjoni konvenuta tħallas lill-attur bħala l-persuna offiża somma li ma tkunx iżjed minn ħamest elef lira (Lm5,000).

Qiegħed jitlob ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

Il-kovenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. il-konvenuti Desmond Zammit Marmarà, Charles F. Grech, Aleks Farrugia, Frans Darmanin u Marion Scicluna ma humiex kontraditturi leġittimi fl-azzjoni proposta mill-attur għax la huma l-persuni msemmija fl-art. 23(*a*) u (*b*) ta' l-Att dwar l-Istampa u lanqas ma għandhom ir-rappreżentanza legali tal-fondazzjoni konvenuta; għalhekk għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-attur;
2. it-talbiet ta' l-attur kontra l-istess Desmond Zammit Marmarà, Charles F. Grech, Aleks Farrugia, Frans Darmanin u Marion Scicluna huma infondati fil-fatt u fid-dritt;
3. ukoll kontra l-konvenut Kenneth Busuttil *proprio*, it-talbiet ta' l-attur huma infondati għax l-istqarrija nħarġet minnu fil-kwalità tiegħu ta' kap esekuttiv u f'isem il-fondazzjoni konvenuta, li hija meqjusa bħala "persuna" għall-għanijiet ta' l-Att dwar l-Istampa fl-art. 2;
4. fil-meritu, l-istqarrija għall-istampa maħruġa mill-fondazzjoni konvenuta ma hijiex libelluża għall-attur;
5. bla ħsara għall-eċċezzjonijiet l-oħra, l-istqarrija fija espressjoni ta' l-opinjoni u apprezzament, jew *value judgement*, tal-konvenuti, u hija *fair comment* fuq materja ta' interess pubbliku, li tista' ssir kemm taħt il-Liġi ta' l-Istampa u kemm taħt il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali; u
6. ma kien hemm ebda *animus iniuriandi*, għax il-ħsieb ta' l-istqarrija kien illi jikkritika lill-attur u l-għemil tiegħu fil-

kwalità tiegħu pubblika fuq materji ta’ kontroversja u interess pubbliku.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew fiż-żmien meta f’Malta kien hawn il-kontroversja dwar jekk il-pajjiż għandux jew le jissieħeb fl-Unjoni Ewropea. L-attur kien fost dawk li kienu tal-fehma li Malta kellha tissieħeb, u kien ħa sehem attiv u pubbliku fil-kampanja favur is-sħubija. Lill-konvenuti kien dehrilhom illi kien hemm raġunijiet — l-aktar il-fatt illi l-attur kien jokkupa karigi pubbliċi — għala l-attur ma kellux jieħu sehem pubbliku fil-kampanja u għalhekk dehrilhom illi kellhom joħorġu l-istqarrija li dwarha saret din il-kawża biex jikkundannawh talli esprima ruħu favur is-sħubija. L-attur, min-naħa tiegħu, igħid illi l-istqarrija tagħtih malafama u għalhekk fetaħ din il-kawża.

Qabel ma nqisu l-meritu tal-kawża, li huwa dwar jekk l-istqarrija tagħtix malafama lill-attur, jeħtieġ li nqisu l-eċċezzjonijiet preliminari li saru mill-konvenuti kollha ħlief il-*Fondazzjoni Mikiel Anton Vassalli* li jgħidu illi l-istqarrija saret mill-fondazzjoni u mhux minnhom, u li għalhekk huma kienu mħarrka ħażin u għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju. L-istess konvenuti ħlief għal Kenneth Busuttil qegħdin igħidu wkoll illi, għalkemm isimhom deher fuq l-istqarrija, huma ma kinux l-awturi tagħha, u isimhom deher mhux biex juri li l-istqarrija kienu qegħdin jagħmluha tagħhom ukoll iżda biss biex juri min kienu d-diretturi tal-fondazzjoni, li weħedha għandha titqies bħala awtriċi ta’ l-istqarrija. L-istqarrja fil-fatt hija fuq *letterhead* tal-*Fondazzjoni Mikiel Anton Vassalli* u tidher fuq il-firma tal-konvenut Kenneth Busuttil waħdu bħala kap esekuttiv. Aktar ’l isfel, taħt il-kelma “Diretturi”, jidhru l-ismijiet stampati, iżda mhux il-firem, tal-konvenuti l-oħra.

Għalkemm l-istqarrija nħarġet f’isem il-fondazzjoni, illi, kif sewwa qalu l-konvenuti, titqies “persuna” għall-għanijiet ta’ l-Att dwar l-Istampa u hija għalhekk soġġetta għad-dispożizzjonijiet ta’ dak l-Att, ir-responsabbiltà ċivili għad-danni għall-malafama, kif sewwa qal l-attur, toħroġ minn att illeċitu u huma l-persuni fiżiċi li jagħmlu l-att illeċitu. Għalhekk ma jistax ikun hemm dubju dwar ir-responsabbiltà personali tal-konvenut Busuttil, illi iffirma l-istqarrija. Il-konvenuti l-oħrajn ukoll, meta ħallew illi

isimhom jidher taħt l-istqarrija, għamluha tagħhom ukoll u ħadu r-responsabbiltà għaliha flimkien mal-fondazzjoni.
L-eċċezzjonijiet preliminari huma għalhekk miċħuda.
Ngħaddu issa biex inqisu l-meritu.
Ma huwiex kontestat illi l-attur huwa bniedem ta' integrità u professjonalità li għandu reputazzjoni mill-aqwa u huwa rispettat kemm fil-pubbliku kif ukoll fl-oqsma professjonali tiegħu. Li ġara hu iżda illi lill-konvenuti dehrilhom illi l-attur għamel ħażin meta — minkejja l-ħarsien illi l-liġi tagħti lil-libertà ta' l-espressjoni — huwa wera l-fehma tiegħu fil-pubbliku dwar jekk Malta għandhiex tissieħeb fl-Unjoni Ewropea. Kellhomx raġun jew le l-konvenuti meta dehrilhom hekk, ma hux kontestat illi kellhom jedd iżommu dik il-fehma u wkoll jistqarruha fil-pubbliku. Għalhekk, meta qalu illi l-attur mexa b'"aġir irresponsabbli" kienu qegħdin jesprimu l-ġudizzju tagħhom dwar l-għemil ta' l-attur.
Ma huwiex kontestat illi d-dispożizzjonijet ta' l-Att dwar l-Istampa għandhom jinqraw fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li jħarsu l-libertà ta' l-espressjoni, u għalhekk ma jistax ikun kontestat illi, sakemm esprimew l-opinjoni tagħhom, għalkemm negattiva u ta' kundanna, fuq l-imġieba ta' l-attur, il-konvenuti kienu qegħdin jinqdew b'dak il-jedd tagħhom.
Fejn jista' jkun hemm dubju jekk l-istqarrija taqbisx il-limiti ta' l-espressjoni ħielsa mħarsa mil-liġi u minflok tagħti malafama bi ksur tal-liġi hu meta l-konvenuti jgħidu illi l-attur mexa bħal bi ħsieb li jagħmel ħsara, meta qalu illi l-imġieba tiegħu "tohloq kunflitt intenzjonat li qed iwassal għal hafna propoganda falza u inġusta" u illi l-attur "kontinwament qed jagħti l-gambetti f'dan il-qasam minflok li jikkollabora għall-aħjar interessi taċ-ċittadini tagħna", u illi "jippreferi li jindottrina".
Għalkemm dan il-kliem joqrob lejn li jattribwixxi fatti lill-attur aktar milli jagħmel kumment u ġudizzju fuq l-għemil tiegħu, din il-qorti hija tal-fehma illi dan il-kliem għandu jitqies fil-kuntest li fih ingħad: dwar persuna li ħadet pożizzjoni pubblika f'ċirkostanzi ta' kontroversja pubblika x'aktarx sħuna meta stqarrijiet bħal dik tal-konvenuti aktar jitfgħu dawl fuq min jagħmilhom milli fuq dak li jissemma fihom. Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi min qara l-istqarrija fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi meta saret jifhem illi l-

ħsieb tal-konvenuti kien li jgħaddu ġudizzju fuq l-imġieba ta’ l-attur, u li kienu qegħdin ifittxu illi jikkundannaw l-imġieba ta’ l-attur aktar milli jattribwixxu fatti malafamanti lill-attur innifsu. Forsi t-ton ta’ l-istqarrija huwa isteriku u aggressiv aktar milli kien meħtieġ, u juri nuqqas ta’ tolleranza lejn min għandu fehma li ma taqbilx ma’ dik tal-konvenuti, iżda, kif ġà għidna, stqarrijiet bħal dawn jitfgħu aktar dawl fuq min jagħmilhom milli fuq is-suġġett tagħhom, u, fil-fehma tal-qorti, ma jaqbżux il-limiti tal-jedd ta’ espressjoni ħielsa ta’ ġudizzju fuq l-għemil ta’ min ħareġ fl-arena pubblika.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti ma ssibx illi l-istqarrija tagħti malafama lill-attur, u għalhekk taqta’ l-kawża billi tiċħad it-talbiet ta’ l-attur.

L-ispejjeż ta’ l-eċċezzjonijiet preliminari jħallsuhom il-konvenuti Kenneth Busuttil, Desmond Zammit Marmarà, Charles F. Grech, Aleks Farrugia, Frans Darmanin u Marion Scicluna *proprio*. L-ispejjeż l-oħrajn iħallashom l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------